MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1471/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estere Societa` Italiana Assicurazioni e Riassicurazione S.p.A.**

**vs**

**Oscar Cassar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Lulju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija disgha u sebghin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm379.88) kif ukoll interessi fuq din is-somma mid-data tat-2 ta' Gunju 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema somma tirraprezenta sorte, drittijiet spettanti lill-avukat kif ukoll spejjez gudizzjarji in segwitu ghall-kawza fl-ismijiet "GasanMamo Insurance Ltd. Noe et Vs. Oscar Cassar" (2147/04 EG) deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-4

ta’ Marzu 2005 u dana wara li inti fit-2 ta’ Settembru 2003, fejn il-konvenut kien involut f’incidenti tat-traffiku fi Triq Notabile H’Attard. Dan l-incident sehh unikament tort u htija tal-konvenut ghar-raguni li huwa kien qieghed issuq il-vettura tieghek tal-marka KIA numru tar-registrazzjoni LCH 095 taht l-influwenza ta’ l-alkohol, hekk kif jirrizulta mir-Road Accident Report anness ma’ l-Avviz Dok. A.

Fit-tieni lok il-konvenut, bhala assikurat tas-socjeta’ attrici, naqas milli jaghmel il-claim mas-socjeta’ attrici u jhallas l-excess dovut u dana hekk kif kien obbligat li jaghmel bil-polza ta’ assikurazzjoni li huwa kellu mal-kumpanija assikuratrici Thomas Smith sabiex l-istess socjeta’ setghet tkun f’posizzjoni li tassumi r-responsabilita` ghall-incident awtomobilistiku tat-2 ta’ Settembru 2003, thallas is-sorte u tevita l-ispejjez giudizzjarji zejda.

Bl-ispejjez giudizzjarji kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija disgha u sebghin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmi (Lm379.88), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------